**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Jesmond (Gesu` Maria) Nappa Licari**

**Kumpilazzjoni Numru: 823/14**

**Illum, 6 ta' Gunju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jesmond (Gesu` Maria) Nappa Licari detentur tal-karta tal-identita` numru 102764M.

Akkuzat talli nhar it-02 ta' Settembru 2014 ghall habta ta' bejn id-9.00 ta filghaxija u l-11.00 ta' filghaxija fil-hanut 'Loop Bar', il-Belt Valletta u/jew f'inhawi f'dawn il-Gzejjer;

1. Talli b'geħmil żieni, ikkorrompa lil AB, minuri ta' 15-il sena u dan bi ksur tal-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli kkometta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' AB u dan bi ksur tal-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi arresta, zamm jew issekwestra lil AB kontra l-volonta` taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli gab ruhu b' mod illi ta fastidju lil AB meta kien jaf jew missu kien jaf illi l-agir tieghu kien qed johloq fastidju lil AB u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` tieqa ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u/jew entitatijiet ohra u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), izda aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli kkometta reat matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti ta' Malta mill-Magistrat Dr. D. Clarke LL.D., nhar it-30 ta' Settembru 2013, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' AB bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitur;*

Semghet l-ammissjoni mill-akkuzat tal-ewwel (1) tat-tieni (2) u l-hames (5) akkuza kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat l-atti kollha; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi s-sitt akkuza ma gietx ippruvata stante li ma ngabitx il-prova tas-sentenza li biha qed jigi addebitat lilu; u

Rat ukoll illi a rigward it-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuza ma ngabu ebda provi li jiggustifikaw “a course of conduct” min-naha tal-imputat kif ukoll ma ngabitx prova li effettivament l-imputat issekwestra b’xi mod lil parte civile AB.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 203(1), 207, 86, 251A, 325(b), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Jesmond (Gesu` Maria) Nappa Licari hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u l-hames (5) akkuza kif dedotti kontrih stante ammissjoni u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin filwaqt u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ihallas is-somma ta’ mitejn ewro (€200) lill-Kummissarju tal-Pulizija fi zmien sitt (6) xhur millum. Tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet (3), tar-raba’ (4) u tas-sitt (6) akkuza kif dedotta kontrih fuq nuqqas ta’ provi.

Inoltre, timponi digriet taht l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema digriet ghandu jifforma parti integrali mal-odjerna sentenza.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

________________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**